



Brussell, 27 ta' Mejju 2026
(OR. en)

9735/26

**Fajl Interistituzzjonali:
2026/0126 (BUD)**

**FIN 749
SOC 289**

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	26 ta' Mejju 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 360 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall- Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati fuq inizjattiva tal- Kummissjoni (EGF/2026/000 TA 2026 - Assistenza teknika)



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 26.5.2026
COM(2026) 360 final

2026/0126 (BUD)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni
għall-Ħaddiema Ssensjati fuq inizzjattiva tal-Kummissjoni (EGF/2026/000 TA 2026 -
Assistenza teknika)**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Ir-regoli applikabbli għall-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema ssensjati (FEG) huma stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/691 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema ssensjati (FEG) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013¹ (minn issa 'l quddiem imsejjaħ ir-Regolament dwar il-FEG).

SOMMARJU TAL-APPLIKAZZJONI

Data ewlenija:	
Nru ta' Referenza tal-FEG	EGF/2026/000
Il-Kummissjoni Ewropea	Assistenza teknika
Nefqa amministrattiva: baġit f'EUR	210 000
% tan-nefqa amministrattiva (limitu massimu: 1,5 %)	0,60 %

F'konformità mal-Artikolu 11(1) tar-Regolament dwar il-FEG, massimu ta' 1,5 % tal-ammont massimu annwali tal-FEG jista' jkun disponibbli kull sena għall-assistenza teknika fuq inizjattiva tal-Kummissjoni.

Assistenza teknika li għandha tiġi ffinanzjata u diżaggregazzjoni tal-kostijiet stmata tagħha

1. Il-kontribuzzjoni se tintuża għan-nefqa msemmija fl-Artikolu 11(1) u (4) kif ukoll fl-Artikolu 12(2), (3) u (4) tar-Regolament dwar il-FEG, kif spjegat hawn taħt. Se tkun ġestita mill-Kummissjoni Ewropea b'ġestjoni diretta.

Deskrizzjoni	Nefqa totali (f'EUR)
Nefqa amministrattiva	120 000
Nefqa teknika	90 000
Nefqa totali stmata	210 000

2. Nefqa amministrattiva:

- Il-Grupp ta' Esperti tal-Persuni ta' Kuntatt tal-FEG, magħmul minn massimu ta' żewġ membri minn kull Stat Membru, se jkun qed jorganizza laqgħat regolari. Abbażi tal-esperjenzi bil-laqgħat virtwali, u skont l-ambizzjonijiet tal-Kummissjoni li tnaqqas l-impronta ambjentali tal-attivitajiet tagħha, fl-2026 se jkunu organizzati laqgħa virtwali waħda u laqgħa waħda wiċċ imb wiċċ.

¹ ĠU L 153, 3.5.2021, p. 48, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/691/oj>.

- Sabiex tippromwovi n-networking fost l-Istati Membri, il-Kummissjoni se torganizza seminar bil-parteċipazzjoni tal-korpi ta' implimentazzjoni tal-FEG u s-sħab soċjali.
- Attivitajiet ta' informazzjoni: il-preżenza online tal-FEG², li l-Kummissjoni stabbiliet fil-qasam tagħha tal-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni, u li qed iżżommha kif meħtieġ skont l-Artikolu 12(2) tar-Regolament dwar il-FEG, se tiġi regolament aġġornata u estiża, u kull element ġdid se jiġi tradott bil-lingwi kollha tal-UE. Se tiżdied is-sensibilizzazzjoni ġenerali dwar il-FEG u l-viżibilità tiegħu se tiġi promossa. Il-FEG se jiġi kopert f'diversi pubblikazzjonijiet u attivitajiet awdjoviżivi tal-Kummissjoni kif previst fl-Artikolu 11(1) tar-Regolament dwar il-FEG.
- L-attivitajiet kollha ta' hawn fuq se jinkludu s-sensibilizzazzjoni fost l-Istati Membri, is-sħab soċjali u l-intrapriżi rigward il-ftehim politiku li ntlaħaq mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill fil-25 ta' Frar 2026 dwar proposta tal-Kummissjoni biex jiġi emendat ir-Regolament dwar il-FEG³. L-emenda tar-Regolament dwar il-FEG ġiet approvata mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill fl-20 ta' Mejju 2026, u tinkludi b'mod partikolari l-possibbiltà li jingħata wkoll appoġġ lill-ħaddiema affettwati minn sensji imminenti f'kumpanija li tkun għaddejja minn ristrutturar. Dan se jħejjihom aħjar biex ilestu tranżizzjoni fil-karriera f'perjodu ta' żmien iqsar, u jiffaċilita l-bidla fir-rwol jew fil-karriera tagħhom.

3. Nefqa teknika:

- Żamma u aġġornament ta' sistema ta' skambju elettroniku tad-data. Il-Kummissjoni qed tkompli ħidmitha dwar il-proċeduri standardizzati għall-applikazzjonijiet u l-ġestjoni tal-FEG, billi tuża l-funzjonalitajiet tas-Sistema Komuni għall-Ġestjoni Kondiviża tal-Fondi (SFC). B'hekk l-applikazzjonijiet fil-qafas tar-Regolament dwar il-FEG jistgħu jiġu ssimplifikati, l-ipproċessar tagħhom jista' jitħaffef u diversi rapporti jistgħu jiġu estratti iktar faċilment. L-interfaċċa tal-SFC qed tiffaċilita wkoll l-operazzjonijiet finanzjarji tal-FEG. B'mod partikolari dan jinkludi:
 - Iż-żamma tal-applikazzjoni tas-sistema tal-SFC2014 għall-għeluq tal-każijiet għall-FEG 2014–2020.
 - Aktar żvilupp u manutenzjoni tas-sistema tal-SFC2021 għall-FEG 2021-2027, inkluż fid-dawl tal-ftehim politiku li ntlaħaq mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill fil-25 ta' Frar 2026 dwar proposta tal-Kummissjoni biex jiġi emendat ir-Regolament dwar il-FEG, u s-sinkronizzazzjoni tiegħu ma' SUMMA, is-sistema l-ġdida tal-Unjoni Ewropea għall-kontabbiltà, il-finanzi u l-ibbaġitjar.
- Monitoraġġ u ġbir tad-data: il-Kummissjoni se tiġbor id-data dwar l-applikazzjonijiet li tirċievi, tħallas u tiffinalizza, u l-miżuri proposti u implimentati. Din id-data se tkun disponibbli fuq is-sit web u se tiġi kkompilata f'format xieraq għar-rapporti biennali futuri.

² <http://ec.europa.eu/egf>

³ Il-Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) 2021/691 fir-rigward tal-appoġġ għall-ħaddiema affettwati minn sensji imminenti f'intrapriżi li għaddejjin minn ristrutturar, COM(2025) 140 final, 1.4.2025.

Finanzjament

4. Il-baġit annwali massimu disponibbli għall-FEG fl-2026 huwa EUR 30 miljun fil-prezzijiet tal-2018 (EUR 35 149 782 fil-prezzijiet tal-2026), kif stabbilit fl-Artikolu 8 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jstabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027⁴, emendat bir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2024/765⁵ u l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) 2021/691.
5. L-Artikolu 11(1) tar-Regolament dwar il-FEG jiddikjara li 1,5 % ta' dan l-ammont jista' jkun disponibbli għall-assistenza teknika fuq inizjattiva tal-Kummissjoni. Attwalment, għadu disponibbli l-ammont kollu tal-2026, u għadu ma ġie allokat xejn għall-assistenza teknika. L-ammont propost jikkorrispondi għal 0,60 % tal-baġit annwali massimu disponibbli għall-FEG fl-2026.
6. Id-deċiżjoni proposta għall-mobilizzazzjoni tal-FEG se tittieħed b'mod konġunt mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill, kif stabbilit fl-Artikolu 15(1), l-ewwel subparagrafu, tar-Regolament dwar il-FEG u fil-punt 9 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji godda⁶.

Atti relatati

7. Fl-istess waqt li tippreżenta din il-proposta għal deċiżjoni biex jiġi mmobilizzat il-FEG, il-Kummissjoni se tippreżenta proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għal trasferiment tal-ammont ta' EUR 210 000 għal-linja baġitarja rilevanti.

Sors tal-appropriazzjonijiet ta' pagament

8. L-appropriazzjonijiet mil-linja baġitarja tal-FEG se jintużaw biex ikopru l-ammont ta' EUR 210 000 meħtieġ għall-assistenza teknika.

⁴ ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 11.

⁵ ĠU L 2024/765, 29.2.2024, p 4, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/765/oj>.

⁶ ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 28.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati fuq inizjattiva tal-Kummissjoni (EGF/2026/000 TA 2026 - Assistenza teknika)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament (UE) 2021/691 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013⁷, u b'mod partikolari l-Artikolu 15(1), l-ewwel subparagrafu, tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda⁸, u b'mod partikolari l-punt 9 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati ("FEG") għandu l-għan li juri solidarjetà u li jħeġġeġ impjiegi deċenti u sostenibbli fl-Unjoni billi jipprovdi appoġġ għall-ħaddiema ssensjati u għal persuni b'impjieg indipendenti li l-attività tagħhom tkun waqfet fil-każ ta' eventi kbar ta' ristrutturar u jgħinhom jirritornaw għal impjieg deċenti u sostenibbli mill-aktar fis possibbli.
- (2) Il-FEG ma jistax jaqbeż l-ammont annwali massimu ta' EUR 30 miljun (fi prezzijiet tal-2018), kif stabbilit fl-Artikolu 8 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093⁹ u l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) 2021/691.
- (3) Ir-Regolament (UE) 2021/691 jipprevedi li massimu ta' 1,5 % tal-ammont massimu annwali tal-FEG jista' jintuża kull sena għall-assistenza teknika fuq inizjattiva tal-Kummissjoni.
- (4) Din l-assistenza meħtieġa biex jiġu ssodisfati l-obbligi relatati mal-implimentazzjoni tal-FEG kif previsti mill-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2021/691, b'mod partikolari fir-rigward tal-monitoraġġ u l-ġbir tad-data kif ukoll l-attivitàjiet ta' komunikazzjoni u dawk li jtejbu l-viżibbiltà tal-FEG.

⁷ ĠU L 153, 3.5.2021, p. 48, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/691/oj>.

⁸ ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 28, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2020/1222/oj.

⁹ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-sinjura 2021 sa 2027 (ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 11, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2020/2093/oj>).

(5) Għalhekk, il-FEG jenħtieġ li jiġi mmobilizzat sabiex jipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja ta' EUR 210 000 għall-assistenza teknika fuq inizjattiva tal-Kummissjoni,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni għas-sena finanzjarja 2026, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-ħaddiema ssensjati għandu jiġi mmobilizzat biex jipprovdi l-ammont ta' EUR 210 000 f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President